

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 4/2016 TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE

tat-30 ta' Settembru 2016

li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) [2016/1820]

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽¹⁾, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ⁽²⁾ u kif emendat it-tieni darba f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tal-Anness III tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 5/2013 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-7 ta' Novembru 2013 dwar l-Istatuti taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Anness tagħha;

Billi:

- (1) L-Artikolu 5(4) tal-Istatuti taċ-ĊTA jipprevedi li l-membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) għandhom jinħatru mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Kumitat għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin, soġġetti għal reviżjoni ta' nofs it-term.
- (2) Skont id-Deċiżjoni Nru 1/2015 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-12 ta' Ottubru 2015 li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) ⁽⁵⁾, il-mandat ta' membru tal-Bord Eżekuttiv ser jiskadi fis-6 ta' Novembru 2016.
- (3) Skont l-Artikolu 95(1) tiegħu, il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ser jiskadi fid-29 ta' Frar 2020. Għaldaqstant, jeħtieġ li jinħatar membru ġdid tal-Bord Eżekuttiv għall-perijodu li fadal qabel l-iskadenza tal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-persuna li ġeja għandha tinħatar membru tal-Bord Eżekuttiv taċ-ĊTA:

— Is-Sinjura Frederike PRAASTERINK.

Artikolu 2

Bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti li l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jista' jieħu fil-qafas tal-prerogattivi tiegħu, il-Bord Eżekuttiv taċ-ĊTA għandu jkun magħmul kif ġej:

— Is-Sinjura Frederike PRAASTERINK,

⁽¹⁾ ĠUL 317, 15.12.2000, p. 3.

⁽²⁾ Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠUL 209, 11.8.2005, p. 27).

⁽³⁾ Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-ftehim ta' sħubija bejn il-Membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠUL 287, 4.11.2010, p. 3).

⁽⁴⁾ ĠUL 309, 19.11.2013, p. 50.

⁽⁵⁾ ĠUL 278, 23.10.2015, p. 26.

li l-mandat tagħha jiskadi fid-29 ta' Frar 2020, kif ukoll

- Il-Professur Baba Y. ABUBAKAR,
- Il-Professur Augusto Manuel CORREIA,
- Is-Sinjura Helena JOHANSSON,
- Dr Faustin R. KAMUZORA, u
- Il-Professur Clement K. SANKAT,

li l-mandat tagħhom jiskadi fis-6 ta' Novembru 2018.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2016.

Għall-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE

Il-President

L.M. ISHMAEL
